MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 311/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Settemru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkontrattaw zwieg civili fl-10 ta' Novembru 2003 (Dok A).

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-kontendenti ghalkemm mhux interdetti jew morda b’mohhhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tiddikjara z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti nhar l-10 ta’ Novembru 2003 null ghall-fini u effetti kollha tal-Ligi a tenur ta’ l-artiklu 19 (1) (b) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut mil-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Semghet x-xhieda ta’ l-attrici u ta’ ommha.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Ottubru, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-10 ta' Novembru, 2003 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (b) – fil-fatt ghandha tinqara (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut huwa kontumacji u fil-fatt ma ressaqx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordinament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li dan kien zwieg ta' konvenjenza – l-attrici zzewget fi kliemha stess biex ikollha l-flus biex tmur safra. Fil-fatt hu kaz klassiku ta' zwieg ta' konvenjenza. Omm l-attrici saret taf biz-zwieg biss meta b'kumbinazzjoni sabet kopja ta' l-att taz-zwieg fil-kamra ta' l-attrici. Ghalhekk il-Qorti thoss li jezistu r-rekwisiti taht il-Kapitolu 255 biex iz-zwieg jithassar, anzi hu biss minhabba li z-zwieg gie kuntrattat qabel l-emendi fl-istess ligi illi zzomm lill-Qorti milli tordna li jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-partijiet.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-10 ta' Novembru, 2003. L-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------